MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2013

Numru. 51/2013

Il-Pulizija
(Sp Jurgen Vella)
vs
Grazio Calleja, iben Emanuel, imwieled Pieta’ fis-6 ta’ Frar, 1968, karta ta’ l-identita’ numru 104468(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat:
1. talli fit-13 ta’ Jannar, 2013 u fil-ġranet ta’ qabel, ġewwa Ħal-Tarxien u f’dawn
il-Gzejjer, xjentement laqa’ għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b’kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom liema oġġetti huma CCTV cameras liema valur ma jeċċedix l-€2,329.37;

2. talli sar reċidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti liema sentenzi saru definittivi u ma
jistgħux jiġu mibdula jew imħassra skont l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi
Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' Jannar, 2013 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi m,iġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 49, 50 u 334(a) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta' għaxar (10) xhur priġunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------